



Brussell, 13 ta' Mejju 2024  
(OR. en)

9641/24

---

Fajl Interistituzzjonal:  
2021/0424(COD)

---

CODEC 1248  
ENER 216  
ENV 490  
CLIMA 191  
IND 247  
RECH 216  
COMPET 521  
ECOFIN 552

**NOTA PUNT "I/A"**

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanentni/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar is-swieq interni tal-gass rinnovabbli, tal-gass naturali u tal-idroġenu, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1227/2011, (UE) 2017/1938, (UE) 2019/942 u (UE) 2022/869 u d-Deċiżjoni (UE) 2017/684 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 715/2009 (riformulazzjoni) ( <b>I-ewwel qari</b> ) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

1. Fil-15 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha<sup>1</sup> lill-Kunsill, ibbażata fuq l-Artikolu 194(2) TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fid-19 ta' Mejju 2022<sup>2</sup>.
3. Il-Kumitat tar-Reġjuni ta l-opinjoni tiegħu fit-12 ta' Ottubru 2022<sup>3</sup>.

<sup>1</sup> 15096/1/21 REV 1 + ADD 1 REV 1 + ADD 2 sa 7.

<sup>2</sup> ĠU C 323, 26.8.2022, p. 101.

<sup>3</sup> ĠU C 498, 30.12.2022, p. 83.

4. Fil-11 ta' April 2024, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni<sup>4</sup>. L-eżitu tal-vot fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftiehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għalhekk għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill.
5. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu u jiissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tidher fid-dokument PE-CONS 105/23, bħala punt "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss, bl-Ungerija tivvota kontra.
6. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv ikun adottat.

Wara li jiġi ffirmat mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---

---

<sup>4</sup> 8680/24.